MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Appell Kriminali Numru. 559/2013

Il-Pulizija

(Supt. Alexandra Mamo)

vs

**Raymond Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Raymond Spiteri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar snin, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

a) fil-kapacita` tieghu bhala *Manager* mal-Mid Med Bank plc, illum HSBC Bank Malta plc, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura kummercjali jew ta` bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamel falsifikazzjoni tal-firem ta` Joe Pace, Alfred Borg u persuni ohra, fuq *Bank Drafts* tal-Mid Med Bank plc u dokumenti ohra bankarji li jippartjenu lil Mid Med Bank plc u persuni ohra, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

b) b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghaml uzu ta` ismijiet foloz , jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn sittin elf liri Maltin (Lm60,000) bi hsara ta` diversi persuni, fosthom Joe Pace, Alfred Borg, Mid Med Bank plc u persuni u Istituzzjonijiet Finanzjarji ohra, bi ksur tal-artikoli 308, 309 u 310 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-4 ta' Dicembru, 2013 fejn il-Qorti wara li wara li rat l-artikoli 183, 184 308, 309 u 310 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, ikkundannat lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ghal tletin (30) xahar li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest.

Rat ir-rikors tal-appellant Raymond Spiteri minnu pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha *thassar tirrevoka u tannulla* s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 4 ta' Dicembru 2013 per Mag. Dr. C. Peralta u fin-nuqqas tapplika piena anqas harxa fil-konfront ta' l-appellant.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazina tal-fatti u interpretazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi.

2. Illi preliminarjament, l-esponenti umilment jissottometti illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti erogata fl-4 ta' Dicembru 2013 hija nulla stante minn qari ta' l-istess sentenza, ma hemm l-ebda dikjarazzjoni ta' l-Ewwel Qorti dwar sejbien ta' htija o meno ta' l-esponenti. Illi l-anqas ma hemm dikjarazzjoni mil-Ewwel Qorti fis-sentenza ta' liema akkuzi l-esponenti instab hati o meno.

3. Illi a bazi ta' gurisprudenza kostanti fuq dan il-punt l-Ewwel Qorti kellha bilfors fl-ewwel lok taghmel dikjarazzjoni solenni li efettivament l-appellant instab hati u fit-tieni lok kellu jigi indikat minn liema akkuza jew akkuzi huwa kien qed jinstab hati u l-Qorti kellha anke tindika l-artikoli tal-Ligi li hija hadet in konsiderazzjoni biex waslet ghal piena li waslet.

Illi dan jirrendi ruhu aktar importanti mhux biss ai fini ta' nullita izda anke kif ser jigi espost f'aggravja sub altern peress li jidher li errronjament saret riferenza ghal dispozizzjonijiet tal-Ligi tal-Kapitolu 9 skorretti.

4. Illi s-sentenza appellata hija sajma minn dawn il-fatturi kollha b'mod u manjiera illi l-appellant gie pregudikat fis-sens illi huwa ma huwiex edott dwar jekk l-appell tieghu ghandux ikun stradat fuq iz-zewg akkuzi jew fuq wahda minnhom. Illi jsegwi ghalhekk illi s-sentenza hija karpita minn nullita u sabiex l-esponent jerga jinghata l-beneficcju tad-*doppio esame* din l-Onorabbli Qorti ghandha tannulla s-sentenza, terga' tibghat l-atti quddiem l-Ewwel Qorti u tpoggi l-appellant fl-istess pozizzjoni legali li kien fiha sal-mument qabel ma inghatat is-sentenza.

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-piena ergogata giet erogata fuq dispozizzjonijiet tal-ligi li ma japplikawx ghal kaz in ezami. Illi l-piena li kellha tigi ikkalibrata kellha tkun imsejsa fuq l-artikoli tal-Ligi kif kienu waqt il-perjodu ta' l-allegat kummissjoni tar-reati. Illi dan jinghad peress illi fis-sena 2002 iddahlu l-emendi illi ghamlu izjed oneruza il-piena fl-artikoli 308, 309 u 301 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi il-piena kif zdiedet ma kelliex tolqot lil dan il-kaz u dana peress illi l-imputat kellu jigi iggudikat fuq l-artikioli tal-ligi fi zmien ir-reat, osia qabel ma ddahhlu l-emendi. Illi anke f'kaz ta' dubbju il-gurisprudenza taghna tghallimna illi f'kaz ta' dubbju bejn zewg pieni fuq l-istess reat ghandha tigi applikata fil-konfront ta' l-imputat dejjem dik il-piena anqas harxa.

7. Illi dan il-fatt ikompli jaggrava ruhu minhabba fil-fatt illi jekk wiehed iqis li l-imputat gie misjub hati fuq iz-zewg akkuzi mis-sentenza ma jidhirx jekk il-Qorti applikatx il-konkors jew l-assorbiment ta' akkuza ghal ohra. F'dan is-sens tkompli tizdied ir-ragunament li jimmilita favur l-ewwel aggravju ta' nullita moghti. Dan qieghed jinghad apparti mil-fatt li gew applikati artikoli tal-ligi skorretti, in kwantu l-piena, anqas ma gie spjegat jekk it-tieni akkuza kenitx fil-fatt mezz ghal fini ghal l-ewwel wahda. Illi f'dan is-scenario anke jekk f'pessima ipotezi l-ewwel aggravju ma jigix milqugh ghandu jkun hemm temperament fil-piena fis-sens, dina ghandha tkun ferm u ferm inqas minn dik erogata mil-Ewwel Qorti.

8. Illi minghajr pregudizzju ghal ewwel zewg aggravji u tenut kont li l-piena massima kellha tkun anqas minn dik li effettivament l-esponent gie kundannat t-tielet aggravju ser

jikkoncerna l-piena. Illi huwa minnu li l-esponenti kien persuna f'pozizzjoni gholja gewwa l-Bank u li l-agir tieghu inissel kundanna fost is-socjeta, pero, ghandu jinghad li kienet l-istess pozizzjoni tieghu li facilitat dak li effettivament sehh, u cioe fis-sens li persuna li ma tkunx addetta ta' Bank ma tistax taghmel l-affarijiet illi fil-fatt jidher li saru mil-appellant. Illi in oltre, irrizulta wkoll fi stadju ferm u ferm bikri u cioe qabel ma anke inbdew il-proceduri legali, l-appellanti kien imminimizza ferm il-hsara li kienet saret u dan fis-sens li huwa kien hallas u irrifonda is-somma ta' Lm31,500 lill-Bank. Illi inoltre jidher car illi l-appellant sab ruhu involut f'kobba ta' terzi persuni notorji fil-kriminalita Maltijia ta' dak iz-zmien u cioe Joe Pace tal-Magic Kiosk li kulhadd jaf dwar id-diffikultajiet li kellu dan il-bniedem minhabba tahwid ma' persuni ohra ukoll notorji kriminalment. Illi minn qari akkurat tal-provi jirrizulta ferm u ferm car li dina l-kwistjoni ma kenitx frott il-holqien ta' l-appellant imma li huwa x'aktarx sab ruhu fiha involut minhabba kwistjonijiet ohra.

9. Illi jirrizulta f'dan is-sens illi l-appellant per se ma ghamel l-ebda gwadan personali ghalih huwa stess u kienu dawn it-terzi persuni li ssemmew fil-process li effettivasment ghamlu gwadann bi flus.

10. Illi qabel dan il-kaz l-esponenti ma kellu ebda kundanna u l-fedina penali tieghu kienet wahda nettissima. Illi dan il-fatt ghandu jittiehed in konsiderazzjoni tenut kont l-eta' li kellu meta tressaq l-appellant. Illi meta dina l-Onorabbli Qorti tissindika l-fedina penali aggornata ta' l-imputat ser tirriskontra kundanna ohra li saret sussegwentement, liema kundanna l-esponenti sab ruhu fiha minhabba id-diffikultajiet kbar finanzjarji sab ruhhom fihim minhabba l-kaz odjern.

11. Illi fattur iehor li jimmilita favur li ma jkunx hemm piena ta' habs effetiv huwa l-fatt li dina l-kawza damet ghaddeja 12-il sena. Illi kien odjuz il-kumment ta' l-Ewwel Qorti meta attribwiet dewmien zejjed lid-difiza. Illi mal-hrug ta' l-artikoli f'dan il-process il-kawza ma dahlitx fi stadju tad-difiza kif erronjament indikat l-Ewwel Qorti u dana peress illi l-artikoli hargu bir-rizerva ta' l-Avukat Generali u anke fl-istadju ta' wara tal-hrug ta' l-artikoli il-prosekuzzjoni damet ghal bosta differimenti u snin ittella' ix-xhieda taghha inkluz ittri rogatorji.

12. Illi l-esponenti huwa persuna ta' kwazi 60 sena u certament fuq kawza li ilha sejra ghal dawn l-ahhar 12-il sena ma huwiex idoneu li huwa jigi kundannat habs effetiv kif ghamlet l-Ewwel.

13. Illi fir-rigward tat-trapass taz-zmien, l-imputat jaghmel riferenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mario Zammit deciza mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna**. Illi f'din is-sentenza din l-Onorabbli Qorti kienet ghamlet riferenza ghal kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia et deciza fit-2 ta' Ottubru 2002** u applikat il-principju segwenti:

> *'Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilita kriminali tal-hati.*[1] *Jista pero f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi deciza fid-29 ta' Jannar 2001**, ghalkemm f'din l-ahhar sentenza il-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kienux limitati biss ghal dik ta' trapass ta' zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjonijiet ohrajn.*

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali u cioe :-

***A rigward l-aggravju dwar l-allegat nullita tas-sentenza erogata***

Illi, id-difiza qegħdha tissolleva n-nullita tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar l-4 ta' Diċembru 2013 u dan għaliex f'din l-istess sentenza, skont l-istess difiza, ma hemm l-ebda dikjarazzjoni tal-Qorti dwar sejbien ta' ħtija o meno tal-appellant, qua imputat, kif ukoll m'hemmx indikazzjoni ta' l-artikoli tal-Liġi li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni sabiex waslet għall-piena finali;

[1] **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard** deciza mil-Qorti Kriminali fl-24 ta' Lulju 2000 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard** deciza mil-Qorti Kriminali fl-24 ta' Lulju 2000

Illi, l-esponent, in vista tad-diċitura tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ma tistax tasal sabiex tikkondividi din it-tezi tad-difiza;

Illi, dan l-artikolu appena msemmi jgħid hekk – “*Il-qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta’ dan il-Kodiċi jew ta’ kull liġi oħra li tkun tikkontempla l-ħtija*”;

Illi, dan kollu rikjest mill-Liġi sar mill-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza li tat – daħlet fil-fond fil-fatti tal-kaz kif ukoll fil-kontentut tax-xhieda prodotti quddiemha (fol. 820 et tal-Atti Proċesswali), infliġġiet il-piena (fol. 827 tal-Atti Proċesswali) kif ukoll għamlet referenza u indikat ukoll l-artikoli tal-Liġi a rigward dan il-kaz, inkluz l-Artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali (a fol. 820 tal-Atti Proċesswali);

Illi, għaldaqstant, f’dan il-kaz, ma hemm xejn x’jindika li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti nhar l-4 ta’ Diċembru 2013 hija b’xi mod nulla u għalhekk l-esponent umilment jitlob li l-ħtija tal-appellant, qua imputat, hekk kif misjuba mill-Ewwel Qorti a rigward tal-akkuzi kollha dedotti kontra tiegħu, tiġi ikkonfermata ukoll minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

***<u>A rigward tal-piena</u>***

Illi, l-aggravju tad-difiza rigward il-piena hija prinċiparjament a rigward il-fatt li din l-istess piena kellha tiġi kkalibrata fuq il-Liġi li kienet fis-seħħ dakinhar li seħħ ir-reat;

Illi, jidher li fl-2002 kienu filfatt daħlu fis-seħħ emendi għall-Kodiċi Kriminali permezz tal-Att III tal-2003, liema emendi jirrigwardaw l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;

Illi, jidher ukoll li l-piena stipulata f’dawn l-artikoli kienet differenti fis-sena 2001 u fis-snin ta’ qabel, meta filfatt seħħew r-reati in kwistjoni;

Illi, għaldaqstant, a rigward il-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz, l-esponent m’għandux triq oħra ħlief li jirrimetti ruħu għall-ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell ta' raymond Spiteri hu mfassal fuq zewg binari.  L-ewwel wiehed hu li s-sentenza appellata hija nulla minhabba l-fatt li ma tirrespettax l-vot tal-ligi.  It-tieni wiehed hu li l-piena nflitta mill-ewwel Qorti ma kinitx dik in vigore meta graw l-fatti.

Illi dwar in-nullita' tas-sentenza appellata wiehed ghandu jsegwi l-insenjamenti tal-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu ghandu jigi segwit skrupolosament u fin-nuqqas is-sentenza appellata ghandha tigi dikjarata nulla.  L-artikolu in kwistjoni jispecifika fl-ewwel lok li s-sentenza ghandha tghid il-fatti li taghhom l-imputat, appellant, gie misjub hati.  Din il-Qorti qrat b'attenzjoni is-sentenza meritu ta' dan l-appell u fil-fehma taghha dan il-vot tal-ligi gie debitament osservat.  Fit-tieni lok, il-Qorti ghandha taghti l-piena u fil-fatt l-appellant gie ikundannat ghal piena ta' tletin (30) xahar prigunerija.  Fit-tielet lok, l-ewwel Qorti kellha tindika l-artikoli tal-ligi li taghhom l-appellant gie misjub hati.  Ma hemm ebda dubju li l-artikoli gew indikati ghaliex huma iktuba fil-korp tas-sentenza.  L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali ma jispecifikax fejn iridu jinkitbu l-artikolu jew l-artikoli tal-ligi in kwistjoni.  Il-prassi hi li generalment dawn jigu migbura fl-ahhar tas-sentenza.  F'dan il-kaz, l-artikoli in kwistjoni gew indikati fil-bidu tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti.  Mhemmx dubju li prassi ta' din il-kwalita' mhiex wahda ortodossa, izda ma hemm ebda dubju li l-vot tal-ligi gie sodisfatt.  Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ghandu jigi michud.

Illi dwar il-piena nflitta mill-ewwel Qorti ghandha ssir konsiderazzjoni.  L-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali kienu gew emendati bl-Att numru III tas-sena 2002.  B'dik l-emenda l-pieni in kwistjoni saru iktar iebsa.  L-atti meritu ta' dan l-appell huma antecedenti ghas-sena 2002 u ghalhekk ghandu jigi segwit il-principju li l-imputat, appellant ghandu jibbenefika mill-inqas piena.  F'dan il-kaz ghandhom jigu applikati l-artikoli tal-ligi ndikati meta kienu fis-sehh qabel is-sena 2002.  L-artikolu 308 kien jindika piena li jvarja minn erba' xhur sa sena prigunerija.  L-artikolu 309 kien jindika piena li jvarja minn xahar sa tlett prigunerija

jew il-multa. L-artikolu 310(1)(a) kien jindika li l-piena bl-aggravju tal-valur ta' iktar minn Lm500, ta' dak iz-zmien, kellhu jigi mizjud bi tnejn jew tlett gradi. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant ghandu jirnexxi.

Illi l-abbli difensur tal-appellant indika lill-Qorti li l-klijent tieghu ghandu jibbenefika minn sentenza sospiza ghal zewg ragunijiet.  Fl-ewwel lok, it-trapass taz-zmien u fit-tieni lok jirrizulat mill-atti li l-appellant radd lura l-flus in kwistjoni.  Din il-Qorti hi tal-fehma li piena karcerarja effettiva hi ndikata f'dan il-kaz u ma ghsndhiex taghmel kummenti ulterjuri u sperfluwi.  Min-naha l-ohra, l-piena ser tiehu in konsiderazzjoni dawn il-fatti.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Raymond Spiteri u tikkonferma s-sentenza appellata.  Dwar il-piena.  Thassar u tirrevoka l-piena nflitta ta' tletin (30) xahar prigunerija mill-ewwel Qorti u minflok tikkundanna lil Raymond Spiteri ghal piena ta' hmistax (15) il-xahar prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------